# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. NOEL V. ARRIGO LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 5 ta' Ottubru 2001**

**Numru**

**Citaz.  numru:  1650/99 M1 NA**

**George Baldacchino**

**vs**

1. **Jane Baldacchino**
2. **Direttur tar-Registru Pubbliku**
3. **Dr. Ludvic Caruana u Prokuratur Legali Gerald Bonello b'digriet tas-17 ta' Awissu 1999 gew nominati kuraturi deputati biex jirrapprezentaw l-interess tal-minuri Warren Baldacchino; u b'digriet tal-Qorti tat-3 ta' Marzu 2000 Jane Baldacchino giet mahtura kuratrici deputata biex tirrapprezenta l-interess tal-minuri Warren Baldacchino; u b'digriet tal-5 ta' Ottubru 2001 il-Qorti rrevokat *contrario imperio* d-digriet tas-17 ta' Awissu 1999.**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attur fil-15 ta' Lulju 1999 fejn ippremetta:

"Illi l-attur ilu separat mill-konvenuta martu Jane Baldacchino mill-11 ta' Novembru 1997 u f'dan iz-zmien kollu hu qatt ma kkoabita jew kellu relazzjonijiet sesswali ma' martu li minnha qed jipprova jissepara;

Illi kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid li jgib in-numru 1864/99 (Dokument "A") fl-14 ta' Mejju 1999, il-konvenuta, ad insaputa ta' l-attur, li ma kienx jaf li kienet tqila, welldet tarbija ta' sess maskil bl-isem ta' Warren Baldacchino, u hu sar jaf b'dan biss wara li nfurmatu omm il-konvenuta u wara li t-tarbija kienet twieldet fl-Isptar San Luqa;

Illi dan il-wild mhux ta' l-attur, ghax kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza, hu qatt ma kkoabita ma' martu bejn it-tlitt mitt u l-mija u tmenin jum qabel it-twelid tat-tarbija ghax kien separat *de facto* minn martu l-konvenuta u martu hbiet minnu l-gravidanza taghha u minn ezamijiet xjentifici u

genetici li jistghu jigu ordnati minn din il-Qorti, tista' tigi eskluza l-paternita' ta' l-attur tat-tarbija Warren Baldacchino;

Illi, ciononostante, t-tarbija fl-Att tat-Twelid Dokument "A" tidher registrata fuq ismu bhala l-missier u hu jrid jichad il-paternita' ta' l-istess tarbija;

TALAB li, ghar-ragunijiet premessi, din il-Qorti tiddikjara u tiddeciedi illi:

1. it-tifel bl-isem ta' Warren Baldacchino li twieled mill-konvenuta Jane Baldacchino fl-14 ta' Mejju 1999, mhux iben l-attur kif jidher dikjarat fl-Att tat-Twelid Numru 1864/99 (Dokument "A") u dana ghar-ragunijiet fuq imsemmija, u okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi biex jikkonducu t-testijiet genetici u xjentifici kif kontemplat fl-Artikolu 70 (1) (d) u (3) tal-Kodici Civili; u konsegwentement;

2. il-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku jigi ordnat minn din il-Qorti biex jeffettwa l-korrezzjonijiet kollha necessarji w opportuni fl-Att tat-Twelid ta' l-imsemmi Warren Baldacchino li jgib in-numru li jmiss ta' Iskrizzjoni 1864/99 u jaghmel dawk l-annotamenti fl-istess Att tat-

Twelid sabiex isem l-attur u l-konnotati tieghu ma jibqghux jidhru fuq l-imsemmi Att taht il-kolonni intestati: "Taghrif dwar isem u kunjom missier it-tarbija", "Professjoni, sengha jew stat iehor", "eta'", "fejn twieled", "fejn joqghodu" u "isem u kunjom il-missier u jekk hux haj jew mejjet" u minflok jidhol il-kliem "unknown father" jew "father unknown"/jew kull isem jew dettall iehor li tordna din il-Qorti.

Bl-ispejjez - komprizi dawk tar-rikors tal-kuraturi - kontra l-konvenuta Jane Baldacchino. Il-konvenuti kollha ngunti minn issa stess ghas-subizzjoni."

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tieghu, il-lista tax-xhieda w id-dokument minnu esebit.

Fl-ewwel lok il-Qorti qieghdha tirrevoka *contrario imperio* digriet moghti minnha, diversament presjeduta, tas-17 ta' Awissu 1999 fejn kienu gew nominati Dr. Ludwig Caruana w il-Prokuratur Legali Gerald Bonello bhala kuraturi deputati biex jirrapprezentaw il-minuri u dan peress illi b'digriet tat-3 ta' Marzu 2000 il-Qorti kienet innominat lill-konvenuta Jane

Baldacchino bhala kuratrici *ad litem* wara li b'nota tas-6 ta' Awissu 1999 hi kienet accettat il-bandu tal-kuraturi.

L-istess konvenuta tat ruhha b'notifikat fis-seduta tat-8 ta' Marzu 2000 fejnipprezentat nota ta' ammissjoni.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku tal-20 ta' Marzu 2000 fejn eccepixxa:

1. "Illi din il-kawza qed issir principalment bhala wahda ta' denegata' paternita' u l-korrezzjoni mitluba fl-att tat-twelid tal-minuri Warren hija incidentali;

2. Illi dwar il-mertu ta' din l-azzjoni l-esponent jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet attrici stante li huwa mhuwiex edott mill-fatti kif dikjarati fic-citazzjoni;

3. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, jekk jintlaqghu t-talbiet attrici, apparti t-tibdil rikjest mill-attur fic-citazzjoni, ghandhom ukoll jigu kancellati l-kliem "the said" mill-kolonna li tirreferi ghal partikolaritajiet ta' l-omm;

4. Illi inoltre u bla pregudizzju, il-bidla li qieghdha tintalab tirrigwarda dokument pubbliku li jikkoncerna minuri, ghalhekk jinhtieg li kwalunkwe prova li tingieb tkun konvincenti w ammissibbli skond il-ligi, aktar u aktar meta s-separazzjoni li jsemmi l-attur fil-kawza odjerna hija separazzjoni *de facto* u mhux *de jure*;

5. Illi peress li c-cirkostanzi li taw lok ghat-talba ghall-korezzjoni fl-att tat-twelid numru 1864/99 huma ghal kollox estranei ghall-esponent, huwa m'ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta' din il-kawza;

6. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri."

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tieghu w il-lista tax-xhieda.

Fis-seduta tat-30 ta' Mejju 2000 il-Qorti nnominat lill-Assistenta Gudizzjarja Dottoressa Monica Borg Galea biex tigbor il-provi u dan peress illi kuntrarjament ghal dak li gie ddikjarat ma gewxipprezentati provi permezz ta' Affidavits. L-Assistenta Gudizzjarja zammet seduta fit-13 ta' Lulju 2000 fejn xehdet il-konvenuta prodotta mill-attur li tghid li tul iz-zmien tat-tqala hija ma kenitx tghix ma' zewgha. Infatti telqet

mid-dar matrimonjali f'Novembru tal-1997 u spjegat illi "*...jiena minn meta tlaqt mid-dar matrimonjali, qatt ma kelli l-ebda relazzjoni ta' natura sesswali ma' zewgi, u lanqas kont nara lil zewgi f'dan iz-zmien. Nispjega nfatti illi din it-tarbija Warren tnizzel bhala wild George Baldacchino li kien zewgi minhabba li f'dak iz-zmien is-separazzjoni ma kenitx giet finalizzata. Dan nonostante l-fatt illi kien hemm trattattivi bejn id-difensuri rispettivi taghna biex naslu ghal separazzjoni legali.*" Hija pero' ma xtaqitx tizvela isem l-allegat missier.

Xehed ukoll l-attur li kkonferma x-xhieda ta' martu. Ikkonferma wkoll id-dikjarazzjoni guramentata tieghu w il-fatt li t-tqila w it-twelid tat-tarbija gew mohbija minnu u sar jaf bit-twelid biss wara telefonata minn ghand omm il-konvenuta.

F'din is-seduta l-partijiet ghamlu verbal fejn qablu li t-tarbija in kwistjoni ma kenitx il-wild naturali ta' George Baldacchino. Wara dan il-verbal xehed Dr. Joseph Brincat, li gie ezentat mis-sigriet professjonali, li rrakkonta kif, waqt li kienu qed isiru trattattivi ghal separazzjoni bonarja, u wara li l-partijiet kienu separati *de facto*, il-konvenuta kienet infurmatu bil-komplikazzjoni tat-tqala taghha minn persuna ohra illi certament ma kenitx zewgha.

Fis-seduta tal-20 ta' Novembru 2000 fuq talba ta' l-attur gie nominat espert biex jaghmel it-testijiet xjentifici tad-D.N.A. Fis-seduta tat-12 ta' Frar 2001, pero', il-Qorti giet infurmata illi dawn it-testijiet ma kienux saru peress li l-konvenuta ma kenitx accettat illi jsiru u b'dan kien gie nfurmat l-espert tal-Qorti. F'din is-seduta gie vverbalizzat illi: "*Id-difensuri jaqblu li meta l-konvenuta harget tqila hi u zewgha kienu ilhom separati "de facto" ghal zmien twil u ddikjaraw li m'ghandhomx provi ohra konfermament mat-talbiet kif dedotti fic-citazzjoni anke in vista tal-prezunzjoni legali kontenuta fl-Art. 77 tal-Kap. 16.*" F'din is-seduta dehret ukoll id-difensur tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku li rremettiet ruhha ghall-provi w il-kawza giet differita ghas-sentenza, liema sentenza sejra tinghata llum.

Ikkunsidrat:-

Illi fil-kaz odjern ta' aktar rilevanza mill-Artikolu 77 huwa l-Artikolu 70 tal-Kodici Civili illi jittratta din il-materja ta' denegata' paternita' b'mod aktar specifiku. In-necessita' tat-testijiet u provi genetici, li f'dan il-kaz ma sarux, huma kwazi imposti fejn l-azzjoni attrici tkun ibbazata fuq is-sub-inciz (c)

ta' l-Artikolu 70 (1) tal-Kodici Civili. Mhux hekk invece s-sub-incizi (a) u (b) ta' dan l-Artikolu illi, jekk issir prova fir-rigward taghhom, tkun sufficjenti biex tirnexxi din l-azzjoni. Din l-istess Qorti, kif presjeduta, f'diversi sentenzi minnha moghtija ricentement iddikjarat illi l-kuncetti ta' "*boghod*" u "*impossibbilita' fizika*" kellhom jigu interpretati b'mod illi fejn, mill-provi, rrizulta illi l-partijiet kienu separati anke *de facto* u ma kellhomx relazzjonijiet intimi fil-perjodu msemmi fl-istess Artikolu 70 (1) (a) allura dawn l-elementi kienu sufficjenti in vista wkoll tal-fatt illi kien l-interess ta' kull persuna koncernata, inkluz persuni minuri, illi tkun maghrufha l-vera paternita' taghhom. Fil-fehma tal-Qorti r-rekwiziti ta' l-istess sub-incizi (a) u (b) ta' l-Artikolu 70 (1) gew ippruvati f'dan il-kaz. Di piu' hemm l-ammissjoni ta' omm it-tarbija u, nonostante, illi din wahedha ma hijiex sufficjenti bhala prova, [Artikolu 70 (2)] hija wkoll prova importanti u, mehuda ma' provi ohra, ghandha tinghata l-piz li jisthoqqilha.

It-tarbija twieldet fl-14 ta' Mejju 1999 u ghalhekk ic-citazzjoni attrici giet korrettement ipprezentata fit-terminu stabbilit mill-Artikolu 73 (a) ta' l-istess Kodici Civili.

Ghal dawn ir-ragunijiet din il-kawza hija deciza billi l-Qorti tilqa' t-talbiet attrici u:

1. tiddikjara li t-tifel bl-isem ta' Warren Baldacchino li twieled mill-konvenuta Jane Baldacchino fl-14 ta' Mejju 1999, mhux iben l-attur kif jidher dikjarat fl-Att tat-Twelid Numru 1864/99 u dana ghar-ragunijiet fuq imsemmija;

2. konsegwentement tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku biex jeffettwa l-korrezzjonijiet kollha necessarji w opportuni fl-Att tat-Twelid ta' l-imsemmi Warren Baldacchino li jgib in-numru li jmiss ta' Iskrizzjoni 1864/99 u jaghmel dawk l-annotamenti fl-istess Att tat-Twelid sabiex isem l-attur u l-konnotati tieghu ma jibqghux jidhru fuq l-imsemmi Att taht il-kolonni intestati: "Taghrif dwar isem u kunjom missier it-tarbija", "Professjoni, sengha jew stat iehor", "eta'", "fejn twieled", "fejn joqghodu" u "isem u kunjom il-missier u jekk hux haj jew mejjet" u minflok jidhol il-kliem "unknown father" jew "father unknown", b'dan illi f'din il-korrezzjoni ghandu jigi rifless ukoll dak sottomess mill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku fit-tielet eccezzjoni tieghu.

L-ispejjez kollha tal-kawza ghandhom jithallsu mill-konvenuta Jane Baldacchino filwaqt illi kopja ta' din is-sentenza ghandha tintbaghat lid-Direttur tar-Registru Pubbliku mir-Registratur ta' dawn il-Qrati kif stipulat fil-ligi.

**ONOR. IMHALLEF NOEL V. ARRIGO LL.D.**

Deputat Registratur rf.